MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 687/2000/1

**Philip Pace & Sons Limited**

**vs**

**Joseph Cini ezercenti l-kummerc bl-isem C. Cini Poultry Products**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut jinsab debitur versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' ghaxar telef, seba' mija u tlieta u tletin liri Maltin u disghin centezmu (Lm10,733.90)

rapprezentanti in kwantu ghal hamest elef, sitt mija u dsatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,619.25) prezz ta’ ingredjenti konnnessi mal-ikel mibjughha mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u in kwantu ghal hamest elef, mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm5,114.65) bilanc minn somma akbar prezz ta’ makkinarju mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u spejjez relattivi in konnessjoni max-xiri tal-istess, skond ma jirrizulta mill-annessa skrittura immarkata Dokument ‘A’ u prospett immarkat Dokument ‘B’, liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Premess illi l-konvenut nonostante li gie interpellat sabiex ihallas baqa’ inadempjenti.

Premess illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ ghaxart elef, seba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm10,733.90) rapprezentanti in kwantu ghal hamest elef, sitt mija u dsatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,619.25) prezz ta’ ingredjenti konnessi mal-ikel mibjugha mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u in kwantu ghal hamest elef, mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm5,114.65) bilanc minn somma akbar, prezz ta’ makkinarju mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u spejjez relattivi in konnessjoni max-xiri tal-istess, liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettivi pagament li sad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Frar, 2000 kien jammonta ghal elf, seba’ mija disgha u hamsin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,759.55) u bl-imghax kummercjali ulterjuri sad-data tal-effettiv

pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ipprezentata fis-sbatax (17) ta' Marzu, 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru u ittra ufficjali ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** Joseph Cini nomine a fol 18 fejn eccepixxa illi:

1. In linea preliminari, il-konvenut Joseph Cini jinvoka l-principju tal-privilegium fori favur tieghu u jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi huwa kellu jigi imharrek fil-post tar-residenza u domicilju tieghu illi huwa Ghawdex u mhux Malta.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, in linea preliinari, il-konvenut jeccepixxi wkoll illi huwa mhux il-legittimo contradittorio tal-kawza odjerna stante illi f'kull negozju illi seta' kien hemm bejn il-partijiet, Joseph Cini dejjem kien qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Carmelo Cini Poultry Products Limited u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma illi qed tippretendi is-socjeta' attrici ma hiex dovuta kollha, anzi jekk hi dovuta xi somma huwa dovut ammont ferm anqas minn dak pretiz mis-socjeta' attrici;

4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, wahda mill-bicciet tal-makkinarju konsenjat mis-socjeta' attrici ma hux tal-livell illi gie ordnat minn Carmelo Cini Poultry Products Limited u aktar minn hekk huwa minsus b'difett latenti, liema difett ikkawza telf ta' profitti, danni u spejjez kbar lis-socjeta' Carmelo Cini Poultry Products Limited;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, fid-dritt u fil-fatt.

Rat **il-kontrotalba tal-konvenut** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Carmelo Cini Poultry Products Limited a fol 21 fejn eccepixxa illi:

Premess illi fis-sitta u ghoxrin ta’ April, elf disa’ mija u sitta u disghin (26/04/96) il-konvenut nomine ghamel ordni lis-socjeta’ rikonvenuta sabiex tikkonsenja lis-socjeta’ kummercjali Carmelo Cini Poultry Products Limited diversi bicciet ta’ makkinarju ammontanti ghal tlettax-il elf, hames mija u tmenin lira Maltin (Lm13,580), b’depozitu ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000), bil-ftehim illi l-imsemmi makkinarju kellu jigi konsenjat fi zmien xahar;

Premess illi fit-tnejn u ghoxrin ta’ Mejju, elf disa’ mija u sitta u disghin (22/05/96) is-socjeta’ rikonvenuta Philip Pace & Sons Ltd. ikkonsenjat lis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited konsenja ta’ flavours u ingredjenti ta’ l-ikel fis-somma ta’ elfejn, seba’ mija u sebgha u tletin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,737.87);

Premess illi fit-tmienja ta’ Lulju, elf disa’ mija u sitta u disghin (08/07/1996) is-socjeta’ rikonvenuta Philip Pace and Sons Ltd. ikkonsenjat lis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited konsenja ta’ “casing” fis-somma ta’ elfejn, seba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2,721.22);

Premess illi il-konsenja tal-makkinarju ordnat mis-socjeta’ C. Cini Poultry Products Limited fis-sitta u ghoxrin ta’ April, elf, disa’ mija u sitta u disghin (26/04/96), mhux biss ma saritx fiz-zmien miftiehem u cioe fi zmien xahar izda baqghet ma saritx bil-konsegwenza illi l-konsenja ta’ flavours u ingredjenti ta’ l-ikel fis-somma ta’ elfejn, seba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,737.87) skadiet u kellha tintrema’ u dan meta l-ftehim kien illi l-ewwel kellha issir il-konsenja tal-makkinarju u wara l-konsenja tal-flavours;

Premess illi Joseph Cini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited diversi drabi informa verbalment lis-socjeta’ rikonvenuta fuq id-dewmien fil-konsenja tal-makkinarju u fuq il-fatt illi l-konsenja ta’ flavours u ingredjenti ta’ l-ikel skadiet u kellha tintrema;

Premess illi sa April tal-elf, disa’ mija u disgha u disghin (1999) il-konsenja tal-makkinarju kienet ghadha ma saritx;

Premess illi fl-ewwel ta’ Mejju, elf, disa’ mija u disgha u disghin (01/05/1999), is-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited ordnat zieda fil-makkinarju li kien ordnat fil-elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996) bil-prezz globali ta’ hamsa u ghoxrin elf, seba’ mija u tmintax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm25,718.60); b’depozitu iehor fl-ewwel ta’ Mejju, elf, disa’ mija u disgha u disghin (01/05/1999) ta’ ghaxart elef lira maltin (Lm10,000);

Premess illi kien hemm il-ftehim bejn il-partijiet illi l-ammont dovut ghall-konsenja tal-makkinarju kellu jithallas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) depozitu fuq l-ordni, ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) meta issir il-konsenja u l-bilanc jithallas fi zmien sitt xhur mill-konsenja tal-makkinarju kollu;

Premess illi wahda mill-magni illi kellha tigi konsenjata u cioe’ il-Hollymatic 54 Burger Former and Stacker bil-prezz ta’ tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) giet konsenjata b’difett serju fiha u cioe’ illi l-imsemmija magna ma hiex tajba sabiex taghmel ix-xoghol li suppost taghmel u cioe’ li tifforma u tpoggi il-burgers fuq xulxin;

Premess illi s-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited informat verbalment ghal diversi drabi lis-socjeta’ Philip Pace and Sons Ltd. bid-difett imsemmi, izda l-imsemmija magna ghadha sallum ma tahdimx tajjeb, bil-konsegwenza illi s-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited sofriet u ghadha issofri danni u spejjez kbar kif ukoll telf ta’ profitti kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

Premess illi s-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Limited kellha iggib espert mill-Ingilterra sabiex jipprova jhaddem l-imsemmija magna u jara xi hsara fiha u dana kollox a spejjez taghha;

Premess illi s-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited imxiet fuq ir-ricetti illi gabet minn ghand is-socjeta’

rikonvenuta izda xorta l-imsemmija magna ma hadmitx u ghadha ma tahdimx kif suppost;

Is-socjeta’ attrici Carmelo Cini Poultry Products Limited talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi illi l-magna imsemmija hija difettuza u ta’ livell u kwalita’ hazina u inferjuri ghal dik ordnata mis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited;

2. Taqta’ u tiddeciedi illi stante illi qabel ma gie konsenjat il-makkinarju ordnat mis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited, gie konsenjat l-ewwel il-flavours u ingredjenti ta’ l-ikel illi lahqu skadew u kellhom jintremghu minhabba illi s-socjeta’ rikonvenuta Philip Pace and Sons Ltd. kienet tardiva ferm fil-konsenja tal-makkinarju ordnat mis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited, l-imsemmija somma ta’ elfejn, seba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,737.87) ma hiex dovuta mis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited lis-socjeta’ rikonvenuta;

3. Tordna lis-socjeta’ rikonvenuta Philip Pace and Sons Ltd. tikkonsenja magna gdida u skond ma giet ordnata mis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited flok il-magna difettuza konsenjata jew fin-nuqqas ulterjorment tordna lis-socjeta’ Philip Pace and Sons Ltd. tiehu lura l-magna difettuza u trodd lura l-prezz ta' l-istess magna lis-socjeta ’Carmelo Cini Poultry Products Limited;

4. Tillikwida l-ispejjez, telf ta’ profitti u danni kollha konsegwentement sofferti u li ghadha issofri s-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited;

5. Tikkundanna lis-socjeta’ rikonvenuta Philip Pace and Sons Ltd. sabiex thallas lis-socjeta’ Carmelo Cini Poultry Products Limited l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra is-socjeta’ attrici

Rat **l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall kontrotalba tal-konvenut** a fol. 27 fejn eccepew li

1. Preliminarjament l-irritwalita’ u n-nullita’ tal-Kontro-Talba stante li ma heix qed tigi proposta mill-konvenut kif imharrek.

2. Illi l-kontro talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li s-socjeta’ attrici rikonvenuta naqset milli tikkonsenja l-makkinarju kif miftiehem. Mhux minnu lanqas li l-prezz tal-makkinarju diskuss bejn il-partijiet fl-elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996) kien ta’ tlettax-il elf, hames mija u tmenin lira Maltin (Lm13,580). Il-ftehim fl-elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996) kien illi l-makkinarju jigi mibghut mill-Ingilterra wara li l-konvenut jikkonferma l-ordni permezz ta’ depozitu ta’ hamsin fil-mija (50%) tal-prezz pattwit. Sakemm dan id-depozitu ma sarx kif miftiehem il-merkanzija ma kellhiex tintbghat mill-Ingilterra.

3. Illi l-allegazzjoni tal-konvenut li rema’ l-konsenja ta’ flavours u ingredjenti hija kontestata. Fi kwalunkwe kaz kien hu stess li naqas milli jeffettwa d-depozitu miftiehem sabiex il-makkinarju jkun jista’ jigi ordnat u trasportat lejn Malta. Ghan-nuqqas tal-konvenut m’ghandiex tinzamm responsabbli s-socjeta’ attrici.

4. Illi l-kontro talbiet tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel (1) ta’ Mejju, 1999, tlett snin wara li l-konvenut qed jallega li rema’ l-flavours u l-ingredjenti, huwa resaq fuq Sales Contract gdid fuq l-istess makkinarju fejn il-partijiet ftehmu li l-prezz globali kien ta’ disgha u ghoxrin elf, hames mija u disa’ lira Maltin (Lm29,509), fejn ghal darb’ohra l-partijiet ftehmu li l-ordni tigi konfermata mal-hlas ta’ hamsin fil-mija (50%) tal-prezz u cioe’ ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) oltre il-hamest elef liri Maltin (Lm5,000) gia mhallas fil-elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996). Kien biss wara li sar tali depozitu li l-makkinarju gie trasportat mill-Ingilterra lejn Malta u konsenjat lill-konvenut.

5. Illi s-socjeta’ attrici imxiet strettament mat-termini tal-ftehim u ghalhekk ma hi responsabbli ghal ebda danni.

6. Illi l-ewwel kontro-talba u r-raba' eccezzjoni sabiex jigi dikjarat li l-magna Hollymatic 54 Burger Former and Stacker giet konsenjata b'difett latenti hija perenta ai termini tal-artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili.

7. Illi l-kontro-talba ghall-konsenja ta' magna gdida hija infondata fid-dritt stante li din ma hiex konformi mal-provvedimenti tal-Kodici Civili.

8. Illi mhux minnu li l-magna de quo kienet afflitta minn difett latenti. Meta din il-magna giet ezaminata minn teknici inkarigati mis-socjeta' attrici irrizulta li l-konvenut ma kienx qed jimxi mal-istruzzjonijiet tal-uzu tal-istess, b'mod partikolari il-kwalita' u l-ammont ta' ingredjenti mitfugha fiha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 52 li biha cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 77 li biha laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi ghall-kontrotalba tal-konvenut u ddikjarat il-kontrotalba bhala nulla billi giet proposta mill-konvenut mhux kif imharrek;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 128 li biha cahdet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ahhar eccezzjoni li fadal u cjoe fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenut. F'dina l-eccezzjoni l-konvenut qed jghid li s-somma illi qed tippretendi s-socjeta' attrici mhiex dovuta kollha, anzi jekk hi dovuta xi somma, huwa dovut ammont ferm anqas minn dak pretiza mis-socjeta' attrici.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut f'dan l-istadju, u kif temergi mill-provi, issa prodotti, hija dwar id-diskrepanza fil-prezzijiet, l-ingredjenti u *l-burger machine*.

<u>Dwar diskrepanza fil-prezzijiet</u> il-konvenut jghid li bejn il-ftehim tal-1996 u dak tal-1999 hemm diskrepanza fil-prezz ta' Lm2581 fuq il-makkinarju kif ukoll Lm610 fuq l-*ispare parts* li kienu ftehemu dwarhom fil-1996. Pace kien qallu li dan kien gej mis-supplier izda huma kienu ftehemu fuq prezz li ma kellux jghola.  Inoltre skond id Doc JC 8  fol. 99 is-*supplier* ma kienx gholla l-prezz.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kien ipprezenta lista ta' magni u *parts* lill-konvenut biz-zieda fil-prezzijiet billi bejn 1996 u 1999, meta l-konvenut iddecieda li jaghmel l-ordni, l-kambju tal-lira kien tbiddel.  Huwa kien spjega dana lill-konvenut diversi drabi u hadimlu somma somma  kull item. Fil-fatt il-konvenut kien iffirma dan id-dokument (ara fol. 5) bil-prezzijiet imsemmija.

<u>Dwar l-ingredjenti</u> l-konvenut jghid li dawn gew konsenjati fil-1996 qabel gie ordnat il-makkinarju u ghalhekk kellhu jarmihom billi l-makkinarju ma kienx gie konsenjat fil-hin u l-ingredjenti ghalhekk lahqu skadew.  Huwa jsostni li ma kienx ordna dawn l-ingredjenti.

Fil-fatt pero' mid-dokument P1 a fol. 35 jirrizulta li fil-1996 il-konvenut ma kienx ordna biss makkinarju imma anke dawn l-ingredjenti.  L-attur spjega li dina hija lista  ta' magni u ngredjenti u *packaging material* li l-konvenut ordna fl-4 ta' Marzu,1996.

Il-konvenut kien ghamel depozitu fuq il-hlas tal-magni u ordnaw mill-flus tal-kumpanija attrici l-ingredjenti u *packaging*. Kienu gabu *samples* biex il-konvenut jippruvahom u  dawn accettahom, u saret l-ordni ghal aktar ingredjenti u dawn gew konsenjati lill-konvenut l-Imriehel. Billi l-konvenut kellu jaghmel it-tieni *deposit* fuq il-makkinarju  u dana ma sarx,  l-magni ma setghux jintbghatu Malta. Imbaghad sakemm saret l-ordni proprja fil-1999 kienu ghaddew is-snin.  Id-Dok A fol. 5 is-*sales contract* datat  l-1 ta' Mejju, 1999 huwa l-ordni shiha, bil

magni u *spare parts*. L-attur spjega li l-konvenut ma kienx ghamel it-tieni depozitu ghax kellu diffikultajiet finanzjarji u kien qallu biex jistenna ghax il-progett ried jaghmlu u fil-fatt stenna sal-1999 meta eventwalment saret l-ordni.

M’hemmx prova dwar dak allegat mill-konvenut li kien hemm dewmien bejn il-1996 u l-1999 minn naha ta’ l-atturi li damu biex jibghatu l-magni. Il-konvenut ma gabx prova li hu b’xi mod kien ilmenta ma’ l-atturi dwar l-allegat dewmien. Anzi jirrizulta li fil-1999 huwa ffirma l-ftehim u anke ghamel *deposit* fuq l-ordni.

L-allegazzjoni tal-konvenut li rema’ l-konsenja ta’ *flavours* u ingredjenti ma tistax tigi accettata mill-Qorti billi kien hu li naqas li jeffettwa d-depozitu miftiehem sabiex il-makkinarju jkun jista’ jigi mibghut lejn Malta. Fi kwalunkwe kaz, jekk il-konvenut qed isostni li hu qatt ma kien ghamel dina l-ordni, hu kellu jirritorna dawn l-ingredjenti u mhux ihallihom jihzienu u jiskadu.

Persuna li tiehu oggett li skond hi ma jkunx ta’ kwalita’ tajba jew mhux fornit bl-accessorji kollha, ma tistax izzomm l-oggett, taghmel uzu minnu, u tilmenta biss meta s-sid jitlob il-hlas (Kum. M. B) Vella vs Mifsud 2.11.90.

Il-konvenut ma gabx prova (qabel is-sena 2000) li hu ma kienx ghamel l-ordni ghall ingredjenti jew li ma kienx ser jaccettahom. Kien biss wara li l-attur interpellah ufficjalment biex ihallas, li l-konvenut qajjem dina l-kwistjoni.

<u>Dwar il-*burger machine*</u> l-konvenut jghid li dina mill-ewwel ma hadmitx tajjeb u huma kellhom jixtru magna ohra minflokha. Illi dina l-kontestazzjoni li l-magna Hollymatic 54 *Burger Former and Stacker* giet konsenjata b’difett latenti giet diga’ deciza minn dina l-Qorti bis-sentenza tad-29, ta’ Jannar, 2003 a fol. 128 u ghalhekk m’hemmx lok li l-Qorti tiddilunga fuq dana l-punt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut,
u tilqa’ t-talba attrici
Bl-spejjez kontra l-konvenut;
U bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------